# It-Teatru bl-Ilsien Malti

*(Intervista tagħna ma' Giacinto Tua)*

*(Artiklu maqlub mit-Taljan minn E.S.J. kif deher [b'ritratt ta' Giacinto Tua] fil-"Giornale degli Scambi Nazionali e Internazionali, Affari e Rappresentanze" (SNIAR) ta' Ruma, fin-numru III — 12-13 tal-1 ta' Lulju, 1948)*

WARA bosta snin li konna ilna ma narawh, iltqajna dan l-aħħar, fl "Hotel Marini" ta' Ruma, ma' l-avukat Giacinto Tua, wieħed mill-personalitajiet intellettwali l-iżjed imsemmija ta' Malta. Giacinto Tua niftakruh tajjeb ħafna wkoll għal xi produzzjonijiet ta' interess letterarju għoli li juru t-tagħmira artistika mhux komuni li għandu.

Konna nafu li f'Malta, minn xi ftit taż-żmien 'il hawn, fit-teatri ta' hemm, kienu qegħdin jinħadmu fuq il-palk xi xogħlijiet bil-Malti, u ridna nistaqsu lil Giacinto Tua fuqhom.

Min sata' jgħidilna aħjar minnu?

Aħna—li konna midħla ta' Roberto Bracco—għadna niftakru kemm dan is-Surmast kien jitħaddet b'għaxqa ta' qalb fuq il-ħila ta' Tua li miegħu kien baqa' dejjem jikkorrispondi.

Giacinto Tua qdiena fl-intervista tagħna bis-solta ġentilezza tiegħu: "Mhux biss", qalilna minnufih, "saru xi rappreżentazzjonijiet teatrali bil-Malti, imma xi wħud minnhom irnexxew ta' interess artistiku għoli, hekk li tlaqqa' Kumitat apposta, immexxi minn Nikol Biancardi, biex jagħmel konkorsi teatrali."

— "U d-djalett Malti tajjeb għal daqshekk?"

— "Ibda biex irrid ingħid ċar li l-Malti aktar minn djalett jista' jissejjaħ ilsien; u fuq jekk hux tajjeb, ingħidx hux, għad li forsi mhux tant fid-drammatiku daqs kemm fil-komiku fejn hu ta' effett mill-aqwa. Madankollu, is-suċċess imqanqal tal-pubbliku, u l-appoġġ xkett tal-Gvern komplew taw saħħa lil din l-inizjattiva li, narġa' ngħidlek, hi ta' min iqisha u jagħti kasha."

— "Mela, nittamaw li għad inkunu nistgħu naraw fl-Italja wkoll xi traduzzjonijiet ta' kummidjografi Maltin."

— "M'għandniex x'ingħidu, xi xogħlijiet jistħoqqilhom li jkun jafhom ukoll il-pubbliku tal-bliet il-kbar ta' l-Italja. X'uħud minnhom huma miktuba b'impenn kbir, u jimxu sewwa fuq il-

ħajja: xogħlijiet mimlijin teatralità, maħduma bil-għaqal u bis-sengħa, saħansitra, f'xi kasijiet, oriġinali.

— "Tassew?"

— "Mela le. Hemm xi kittieba li qed jagħmlu isem ġmielhom, bħaż-żewġt aħwa Ivo u Gino Muscat Azzopardi, Cassola, Erin Serracino Inglott, Guido Saliba u xi oħrajn, li jippromettu ħafna.

— "Id-djalogu kif jittrattawh?"

— "X'uħud tajjeb ferm, bħal, ngħidu aħna, fil-produzzjonijiet ta' Cassola fejn hu b'mod speċjali, ħaj, ħafif, mibni tajjeb u jorbot. Oħrajn ukoll, iżda, għandhom djalogar ħafif u mexxej."

— "Imma semmejt ukoll xogħlijiet oriġinali. Min hu l-awtur f'dal-kas?"

— "L-aktar wieħed oriġinali fosthom kollha hu Erin Serracino-Inglott li jġagħlek tammirah għal ċerti 'trovaturi' tiegħu arditi, u għal ċerti idejiet ġenjali."

— "Insomma, int tħoss li dan it-teatru Malti għad jirnexxi sewwa."

— "Iva."

— "U tagħtih sehmek ukoll, eh? Inti, issa, ilek kommedjografu famuż!"

— "Jiena miniex ħlief 'appassjonat' tat-teatru. Imma, kif taf int, nagħżel iżjed id-drammatiku. Ma ngħidx li ma għadx forsi nikteb xi ħaġa bil-Malti wkoll, imma ġa għamilt xi impenji għal żewġ produzzjonijiet teatrali fl-Italja: waħda għall-kumpannija magħrufa, u oħra għar-Radjo."

U dan il-ħabib tagħna simpatiku ħadilna b'idejna bil-qalb, bħalkieku ried igħidilna li dik l-intervista kienet spiċċat.